1 ta' Mejju, 1954

Imħallef :
Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Salvina Galea *versus* Giuseppa Zarb

**Inġurja — Kwerela — Ċitazzjoni — Spejjeż Ġudizzjarji**

*Il-ġurisprudenza Maltija tirrikonoxxi iż-żewġ sorta ta' inġurja, ċjoè dik gravi (imsejħa wkoll speċifika) u dik vaga, jew indeterminata, jew sempliċi, jew ljevi, li hija punibbli bil-pieni tal-kontravvenzjonijiet.*

*Meta fil-kwerela jew fl-imputazzjoni ma jingħadx illi l-inġurja hija gravi, jew ma jingħadx li l-kwerelant ġie nġurjat billi ġew lilu attribwiti fatti speċifiċi u determinati, ewlidiri meta l-imputazzjoni hija sempliċement ta' inġurja bla ebda kwalifika, għandu jiġi ritenut li l-imputazzjoni hija ta' inġurja vaga. U fejn l-imputazzjoni hi ta' inġurja biss, allura, bejn iż-żewġ interpretazzjonijiet li tista' tkun inġurja gravi u tista' tkun inġurja vaga, għandha tiġi segwita dik aktar beninja li l-imputazzjoni hija ta' inġurja vaga.*

*Għax ħadd ma jista' jiġi dikjarat ħati ta' reat aktar gravi minn dak dedott.*

*Fis-sistema Malti, il-prattika hija li l-imputat jista' jinstab ħati ta' reat mhux aktar gravi, purkè jkun kompriż jew involut f'dak dedott; iżda jibqa' dejjem li l-imputat ma jistax jinstab ħati ta' reat aktar gravi minn dak dedott.*

*Meta l-kwerelant jiddeduċi kontra l-kwerelat imputazzjoni ta' inġurja biss, bla ebda kwalifika, u l-Maġistrat jikkundanna lill-kwerelat bħala ħati ta' inġurja gravi, fl-appell il-kundanna*

*għandha tiġi modifikata fis-sens ta' kundanna għal inġurja semplići, minħabba li l-inġurja ma kienetx dedotta bħala gravi fl-imputazzjoni; imma l-kwerelant ma jistax f'każ simili jiġi eżentat kompletament mill-ispejjeż tal-kawża.*

*Il-Qorti:* — Rat il-kwerela magħmula mill-kwerelanti Salvina Galea kontra l-kwerelata Giuseppa Zarb talli f'dawn il-granet, gol-Ħamrun, inġurjatha, u ċ-ċitazzjoni miġjuba kontra tagħha quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta;

*Rat is-sentenza ta'* dik il-Qorti *tat-23 ta' Frar,* 1954, li biha sabet il-kwerelata ħatja ta' inġurji b'espressjonijiet speċifiċi, u kkundannatha għall-*multa ta'* £5 u l-ispejjeż tal-kawża;

Rat ir-rikors li bih il-kwerelata appellat minn dik id-deċiżjoni *u talbet li tiġi liberata;*

Rat il verbal fol. 12, li bih il-kwerelata ddikjarat li tillimita l-appell tagħha għall-punt jekk jistax ikun hemm dikjarazzjoni ta' reità ta' inġurja gravi, ossija (kif hemm fis-sentenza appellata) inġurja b'espressjonijiet speċifiċi, meta l-imputazzjoni fil-kwerela u fiċ-ċitazzjoni tkun, bħal f'dan il-każ, ta' inġurja biss, bla ebda kliem ohra kwalifikativi;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi ma jistax ikun hemm dubju li l-ġurisprudenza Maltija rrikonoxxiet iż-żewġ xorta ta' inġurja, dik ċjoè gravi (imsejħa wkoll speċifikata), u dik vaga jew indeterminata, jew semplići, jew ljevi (ara, għal dawn in-nomenklaturi, "Ispettore Calleja vs. Bugeja", App. Krim. 10 ta' Ġunju, 1890; "Parlar vs. Dimech", App. Krim. 5 ta' Frar, 1921; u "Formosa vs. Zarb Cousin", App. Krim. 11 ta' Settembru, 1922). Dippjù (u dan hu l-importanti) Sir Adrian Dingli, fis-sentenza "Ispettore Calleja vs. Bugeja", jirriferixxi din id-distinzjoni *espressament* għall-artikolu tal-liġi, billi jgħid " ...... la quistione sollevata dagli appellanti è se fosse la ingiuria che potrebbe chiamarsi *grave, definita* nel paragrafo primo dell'art. 240, o quella che si direbbe lieve, definita nel secondo paragrafo dell'articolo medesimo ......". L-artikolu riferit hu *l-lum, fin-numerazzjoni* l-ġdida, l-art. 265 Ediz. Riveduta;

Issa, meta fil-kwerela jew fl-imputazzjoni ma jingħadx li l-ingurja hi gravi, jew ma jingħadx li l-kwerelat ġie ingurjat bilfi ġew lilu attribwiti fatti speċifiċi u determinati, vwoldiri, meta l-imputazzjoni hi sempliċement ta' ingurja bla ebda kwalifika li turi li l-imputazzjoni hi ta' ingurja gravi jew speċifika, allura għandu jiġi loġikament ritenut li l-imputazzjoni hi ta' ingurja bla dik il-kwalifika, ċjoè ta' ngurja vaga, punibbli bil-pieni tal-kontravvenzjonijiet, għaliex altrimenti wieħed imur kontra l-prinċipju li ħadd ma jista' jiġi dikjarat ħati ta' reat aktar gravi minn dak dedott; u fejn l-imputazzjoni hi ta' ingurja biss allura, hejn iż-żewġ interpretazzjonijiet li tista' tkun ingurja gravi u tista' tkun ingurja vaga, għandha tiġi segwita dik beninja li l-imputazzjoni hi ta' ingurja vaga;

Ingħad fuq li ħadd ma jista' jiġi dikjarat ħati ta' reat aktar gravi minn dak dedott, kif ikun il-każ jekk persuna tiġi dikjarata ħatja ta' ingurja gravi mentri l-imputazzjoni tkun tali li l-addebitu għandu jiġi meqjus bħala ta' ingurja vaga;

Fl-Ingilterra, il-prinċipju hu aktar rigoruż, u ma hemmx bżonn jingħad li ċ-ċitazzjoni fil-proċeduri kriminali ta' Malta ġiet modellata fuq is-sistema Ingliż (ara App. Krim. "Pulizija vs. Bartolo", 8 ta' Jannar, 1938, u 4.6.38). Infatti, fissistema Ingliż, anki fuq sempliċi "writ of summons", ħadd ma jista' jiġi misjub ħati ta' reat differenti minn dak dedott, anki jekk minuri. Hekk, per eżempju, "a person charged with being drunk and guilty of riotous conduct cannot be convicted of drunkenness merely, this being a different offence" (Leadman v. Cragg (1862), 26 J.P. 359). Hekk ukoll, "a person charged with assaulting a constable in the execution of his duty cannot be convicted of a common assault" (R. v. Brickill" (1864) 28 J.P. 359). Ingħad ukoll in "Martin v. Pridgeon (1859) 23 J.P. 630, "a defendant cannot be convicted of a different offence from that stated in the information, the word 'variance' (dan hi l-kelma użata fil-Magistrates' Courts Act, 1952 sec. 99) pointing to some difference between the allegation and the evidence, and not to a different offence". Dan hu l-istat attwali tal-ġurisprudenza Ingliża.

peress li dawn id-deċiżjonijiet huma riportati, in nota, fl-aħħar edizzjoni (1953) tal-Stone's Justices' Manual;

Fis-sistema Malti, il-prattika hija li l-imputat jista' jinstab ħati ta' reat mhux aktar gravi, purkè jkun kompriż jew involut f'dak dedott — interpretazzjoni suffragata mis-subartikolu (4) ta' l-art. 478 Kap. 12, li hu applikabbli għall-att ta' l-akkuża, u kwindi maġġjorment applikabbli għall-att anqas formali bħal ma hija ċ-ċitazzjoni;

Iżda jibqa' dejjem li l-imputat ma jistax jinstab ħati ta' reat aktar gravi minn dak dedott;

Kull inkonvenjent jista' jiġi rimedjat jekk il-kwereli jsiru bid-diliġenza meħtieġa, u jingħad, meta jkun il-każ, li l-inġurja hi gravi, jew li saret bl-attribuzzjoni ta' fatt diżonorati speċifiku;

Għalhekk, peress li f'dan il-każ ingħad biss "inġurja", bla ebda kwalifika, il-kwerelata għandha tiġi ritenuta ħatja ta' inġurja vaga;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċidi:

Billi tilqa' l-appell kif limitat, tiddikjara l-kwerelata ħatja biss ta' inġurja vaga, u tirriduċi l-piena, wara li rat itt-tieni subartikolu ta' l-art. 265 Kap. 12, għall-ammenda ta' £4;

Kwantu għall-ispejjeż;

Id-difensur tal-kwerelanti osserva li l-kwistjoni nqalgħet għaliex l-Ewwel Qorti ma segwietx dak li kien ġa deċiż minn din il-Qorti fil-kawża "Grima vs. Chircop", 3 ta' Ottubru, 1953, u għalhekk hu ma għandux ikun ħati spejjeż. Issa, hu veru li, kif hemm fis-sentenza App. Sup. "Strickland vs. Hunter", 15 ta' Diċembru, 1930, hi prattika tas-sistema Malti li l-Qorti Inferjuri, anki jekk ma taqbelx ma' pont tal-liġi kif definit reċentement minn Qorti Superjuri, għandha ssegwieħ, għalkemm mhix tenuta strettament li tagħmel hekk, anki biex jiġu evitati spejjeż, tant li f'dik il-kawża l-Qorti ta' l-Appell segwiet deċiżjoni tal-Privy Council kuntrarja għal deċiżjoni oħra li kienet tat hija stess ftit qabel, avvolja ma kienetx tikkondividi l-opinjoni tal-Privy Council;

Iżda l-kwerelanti ma tistax tiġi meħlusa interament minn

ottija, ghaliex hi setghet tiddeduċi fil-kwerela l-imputazzjoni ta' ingurja gravi, b'mod li ma kienx ikun hemm lok ghall-kwistjoni, aktar u aktar ladarba kellha digà fbhala gwida is-sentenza ta' din il-Qorti "Grima vs. Chircop";

Però, il-biċċa l-kbira ta' l-ispejjeż ghandhom imorru fuq il-kwerelata; mhux biss ghar-raġuni li, una volta li l-kwerela saret kif saret, ma kienx tort tal-kwerelanti li l-Maġistrat ma segwiex il-prinċipju stabbilit minn dik il-Qorti, imma anki ghax l-appell, ghad li issa gie limitat, oriġinarjament sar anki ghall-meritu, u ntalbet l-assoluterja kompleta;

Ghalhekk tordna li l-ispejjeż ta' din l-istanza jithallsu kwart mill-kwerelanti u tliet kwarti mill-kwerelata; dawk tal-prima istanza jibqghu kif provduti mill-Qorti t'Isfel. Dritt tad-difensuri ghal kull seduta ghaxar xelini.